**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A51/10

6 ta' Diċembru 2010

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/51**

Il-laqgħa tal-Kunsill ser issir **l-Erbgħa 15 ta' Diċembru 2010, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju Amministrativ 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Approvazzjoni tal-kwotazzjoni ta' sistema ta' sigurta' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali
6. *Update* ta' *Tender GLC001/2010 Resurfacing Works*
7. *Update ta' Tender GLC002/2010 Mixed Household Waste*
8. L-ikla ta' Jum il-Milied għal min hu waħdu
9. Affarijiet oħra
10. Laqgħa oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D. | Marion Monaco |
| Sindku | D/Segretarju Eżekuttiv |

# Kunsill Lokali Gżira

15 ta' Frar 2011

Ref Nru.Klg5/051

Minuti tal-laqgħa Nru Klg5/51 li saret it-Tnejn 10 ta' Jannar 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

## Preżenti

Sitt membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, l-Kunsillieri Anthony Abela, Anthony Grech, Ian Micallef, Malcolm Camilleri u Victor Rutter flimkien mad-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

## Skużat

Il-Viċi-Sindku Joe Camilleri minħabba li kien imsiefer.

## *Chairman*

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fis-6 ta' Diċembru 2010.

Il-laqgħa li kellha ssir fil-15 ta' Diċembru 2010, ġiet postposta għall-10 ta' Jannar 2011 minħabba l-fatt, li l-Kunsillieri laqgħu t-talba tas-Sindku sabiex il-laqgħa tiġi msejħa għall-ġurnata oħra u dan għar-raġuni, li s-Sindku kien qiegħed l-isptar minħabba ċirkostanzi ta' saħħa tal-familjari tiegħu.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa Klg5/51 ta' 10 ta' Jannar 2011 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2.** Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

**2. Materji Konnessi**

**2.1.** Paġna Nru: 2 para 2.4. – Kwotazzjoni ***GLC006/2010 – Culvert Cleaning***

Il-Kunsillier Anthony Abela ta' rendikont tax-xogħol li kellu jitkompla dwar is-suġġett sopracitat u għalhekk, il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li għandu jsir il-ħlas ta' *Request Sheet* Nru: 2037 – *General Ecological Serv. Co. Ltd* - €2,212.92.

**2.2.** Paġna Nru: 3 para 3.4. – ***Memo 126/2010* – Attivita' b'risq il-*Malta Community Chest Fund***

Iċ-*Chairman* informa, li l-logħba tal-*football* kienet saret u nġabret is-somma ta' €200. Il-Kunsill kien infurmat li kellha ssir attivita' biex il-flus miġbura waqt dawn l-attivitajiet, jiġu ppreżentati lill-President ta' Malta. Huwa kompla jgħid, li din l-attivita' ma saritx iżda, s-Sur Tyrone Demanuele, Segretarju tal-*Gżira United Football Club* kien ppreżenta l-ammont waqt il-program l-Istrina u kellu jibgħat kopja ta' l-irċevuta.

**2.3.** Paġna Nru: 4 para 3.17.– **Tower Crane fi Triq Moroni**

Is-Sur Stivala nforma dak nhar stess tal-laqgħa li kien ser jagħmel il-bażi tat-*tower crane*. Il-Kunsillier Anthony Abela qal, li hu kien reġa' fakkru biex jagħmel is-*safety measures* kollha meħtieġa u reġgħu ddiskutew it-*traffic management* kif maqbul fil-laqgħa preċedenti.

**2.4.** Paġna Nru: 5 para 4.1. – ***Expression of Interest***

Minkejja l-fatt, li l-Kunsill Lokali ilu li bagħat l-*Expression of Interest* 'l fuq minn xahar, u sa dak inhar tal-laqgħa, l-Kunsill ma kien irċieva ebda *feedback* mid-Dipartiment Għall-Gvern Lokali.

Iċ-*Chairman* kien kellem lis-Sur Martin Bugelli sabiex din l-approvazzjoni tingħata prijorita' minħabba d-*deadlines* stipulati f'*Memo 150/2010* minħabba l-fatt, li filwaqt li l-*Accountant* preżenti kien miftiehem li jagħmel l-*inputting*, dak appuntat irid jagħmel il-*Financial Statements*.

In vista ta' *Memo 150/2010*, l-*Expression of Interest* trid tinkludi li s-sottomettenti jridu jinkludu mas-*C.V.,*l-*warrant* ta' *C.P.A.* u konferma li huma aġġornati ma' l-*accounting standards*.

## 3. Korrispondenza

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sa l-10 ta' Jannar 2011 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Iċ-*Chairman* informa li kien attenda għall-*press conference* rigward Memo 118/2010 – Inizjattiva Ambjentali biex tiċċelebra għeluq l-20 Sena Ħidma tal-*Vodafone* u qal, li filwaqt li l-flus ma tqasmux, ngħata t-tagħrif neċessarju.

**3.4.** Il-Kunsill ġie nfurmat mit-*Transport Malta* li għandha titneħħa l-*loading/unloading* quddiem *Azzopardi Fish Shop* fi Triq Sliema u tiġi *re-shifted* fl-*area* mmarkata 'C' fis-*site plan* inkluża.

**3.4.1** Għall-ittra mibgħuta mit-*Transport Malta* dwar jekk fil-lokalita' tal-Gżira kienx hemm toroq urbani li kienu għadhom qatt ma nbnew, il-Kunsill irrisponda, li Triq Luqa Briffa minn Triq Sliema sa Triq Giacint Tua kienet għada qatt ma nbniet.

**3.4.2** Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni għat-talba għar-*Reserved Parking* ta' Paul Muscat – 134 Triq Manoel De Vilhena u Anthony Marmara – 70 Triq Cameron Gżira.

**3.5.** Inqrat kopja ta' ittra mibgħuta mill-*MIDI p.l.c.* dwar *tipping of rubbish at Manoel Island*.

Matul id-diskussjoni li saret, ġie deċiż li sakemm il-Kunsill ma jingħatax aċċessibilta għar-residenti, tindif ma jsirx u dan anke invista tal-fatt, li l-Kunsill m'għandux ġurisdizzjoni ta' *Manoel Island* u dan hu obbligu kuntrattwali tal-*M.I.D.I.*

**3.6.** Rigward *e-mail* dwar il-program Ħadd Għalik, iċ-*Chairman* qal, li kien ser jieħu din il-materja taħt ir-responsabilita' tiegħu.

**3.7.** Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-AKL dwar Ċirk 81/2010 *Notice Boards* dwar informazzjoni fuq żvilupp liema *notice boards,*ser ikunu ffinanzjati mill-MEPA u jridu jeħlu ma' *notice boards* fil-lokalitajiet kollha ta' Malta u Għawdex.

Matul id-diskussjoni li saret, iċ-*Chairman* issuġġerixxa li din tiġi nstallata man-*notice board* li hemm fi Pjazza Meme' Scicluna.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.8.** Fis-6 ta' Diċembru 2010, il-librara Nathalie Camilleri nfurmat, li Ms Ciappara, *Principle* tal-Kulleġġ Santa Klara kienet oġġezzjonat għall-fatt, li l-*gate* ta' l-iskola f'Misraħ Turu Colombo kien qed ikun miftuħ għall-użu tal-librerija kif ukoll, xtaqet li tiġi nstallata *notice board* barra l-*gate* ta' l-iskola.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament li ċ-*Chairman* jagħmel kuntatt ma' Ms Ciappara u jispjegala l-ftehim li kien sar għall-aċċess u l-użu tal-post mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Grech li ssir *notice board* f'Misraħ Turu Colombo.

**3.9.** Rigward ittra mibgħuta miċ-Ċentru Malti ta' l-Arbitraġġ dwar Arbitraġġ Nru: M1713/2008, il-Kunsill ġie nfurmat li l-Avukat K. Borg għan-nom ta' l-Avukat Edward Woods (l-Avukat tal-Kunsill) informa li ġa la darba l-Avukat George Said li fetaħ l-arbitru, ma kienx ħallas l-ammont dovut, id-deċiżjoni ma tingħatax u tibqa' tiġi differita. Sussegwentament, tal-ħlas, l-arbitru jagħti d-deċiżjoni tiegħu.

**3.10.** Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni għat-talba li saret mill-*Gift of Life Walk Organiser* sabiex l-i*sponsored walk* li ser issir fis-6 ta' Frar 2011, sakemm ikollhom il-permessi kollha neċessarji mill-entitajiet konċernati.

**3.11.** Rigward talba li għamel is-Sur Richard A. Micallef biex jiġi rimburżat l-ammont ta' €32.63 għall-inċident li sofra t-tifel tiegħu fi Triq D'Argens, il-Kunsill qabel unanimament, li sakemm il-każ ma jkunx suffiċjentament pruvat, ebda rimborż ma jista' jingħata.

**3.11.1** Il-Kunsill Lokali qabel unanimament, li sakemm il-każ ma jkunx suffiċjentament pruvat, ma jistax jingħata ebda rimborż għat-talba ta' €200.00 li saret minn Dott. M. Camilleri għall-ħsarat li ġarrab fill-vettura tiegħu fi Trejqet Nicola Cottoner.

**3.11.2** Inqrat ittra oħra għar-rimborż ta' €284.00 mibgħuta mis-Sur Ronald Zammit għall-ħsarat li ġarrab fil-vettura tiegħu fi Triq Manoel de Vilhena.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li sakemm il-każ ma jkunx suffiċjentament pruvat, din it-talba ma tistax tintlaqa'.

**3.12.** Għat-talba għall-*waste separation bins* għall-iskola li saret mit-*team* ta' l-*Eco School* tal-Kulleġġ ta' Stella Maris, il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgħa mal-Kulleġġ ta' Stella Maris u d-ditta *Green MT.*

**3.13.** Tressqet ittra mibgħuta mid-ditta *Bad Boy Cleaners* dwar *Defender Bird Spikes.*

Il-Kunsillier Anthony Abela ta' rendikont tat-talba ta' din il-kumpanija u ġie deċiż li ssir laqgħa u li għaliha jattendi l-Kunsillier Anthony Abela.

**3.14.** Rigward il-proposti dwar ir-Riġenerazzjoni f'oqsma tal-binjiet tal-Gvern li ntbagħtet mill-Awtorita' tad-Djar, iċ-*Chairman* ta rendikont tal-materja skont laqgħa li attenda għaliha fejn matula ġie spjegat li disa'

Kunsilli Lokali ser jibbenefikaw sa massimu ta' €75,000 skont sottomissjoni li jagħmlu biex jiġu *upgraded* fuq varji oqsma, l-*Housing Estates*. Kull sottomissjoni tiġi evalwata u min jintagħżel, jrid jeżawrixxi l-punti kollha ta' l-iskema.

Matul id-diskussjoni li saret, a bazi ta' l-ispjegazzjoni mogħtija miċ-*Chairman*, il-Kunsill qabel li għalissa ma japplikax.

**3.15.** Il-Kunsill ġie nfurmat li d-ditta *TCTC* bagħatet stedina għall-ħames ċelebrazzjoni annwali li ser issir il-Ġimgħa 28 ta' Jannar 2011 u li għaliha kien ser jattendi s-Sindku.

**3.16.** Il-Kunsill ġie nfurmat li kien irċieva l-allokazzjoni finanzjarja 2011 ta' €463,130.00 u ngħata rendikont ta' l-infieq.

**3.17.** Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Neville Pace li kiteb għan-nom ta' l-għawwiema fil-Pixxina Nazzjonali fejn ippropona *traffic management* fi Triq Maria T. Spinelli.

Matul id-diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel unanimament, li din il-materja għandha tiġi studjata f'aktar dettal.

**3.18.** Rigward il-*Malta Chess Federation*, fil-laqgħa preċedenti, l-Viċi-Sindku kien talab biex jiltaqa' magħhom madanakollu, din il-laqgħa għad trid tiġi appuntata.

**3.19.** Inqrat *Memo 2/2011* – Proċess ta' *Digital Switchover*

Matul id-diskussjoni li saret, ġie deċiż li l-Kunsill jwieġeb u jagħti d-dettalji dwar l-użu ta' l-*Activities Centre* sat-tmiem ta' Mejju 2011 u dan invista tal-fatt, li l-post qed ikun kontinwament użat għat-Taħriġ Tul il-Ħajja skont *Memo 93/2010*.

**3.20.** Rigward *e-mail* li ntbagħatet mill-*OPM* dwar laqgħa fuq sigurta' fil-*playgrounds* tal-lokalitajiet, li ser issir il-Ġimgħa 4 ta' Frar 2011 bejn il-11.00 u 12.00 fil-Kunsill Lokali tan-Naxxar, il-Kunsill qabel unanimament li jattendi

għal din il-laqgħa u kemm is-Sindku kif ukoll, il-Kunsillier Anthony Abela kienu disponibbli.

**3.21.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri għan-nefqa ta' €176.00 lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali sabiex kemm is-Sindku kif ukoll, il-Viċi-Sindku jkunu jistgħu jattendu l-laqgħa għas-Sindki/Viċi-Sindki li ser issir fil-21 u t-22 ta' Jannar 2011, fil-Lukanda Calypso, Marsalforn Għawdex.

**3.22.** Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jean Farrugia rappreżentant tal-*Munchy Moose* fejn informa li huma s-sidien il-ġodda tal-*kiosk* li qiegħed fil-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa u xtaqu li jiltaqgħu mal-Kunsill biex jiddiskutu diversi materji li jikkonċernaw il-Ġnien.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li ċ-*Chairman* għandu jiltaqa' magħhom.

**3.25.** ***Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018***

Tressqet kopja ta' *Charter* – Ftehim bejn il-Kunsilli Lokali bil-għan li ssir applikazzjoni konġunta għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura (KEK) 2018.

Iċ-*Chairman* ta' rendikont ta' din l-applikazzjoni li l-ħsieb hu li pajjiżna minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, jippreżenta lill-Kummissjoni Ewropea applikazzjoni waħda, li tkun tiġbor fiha l-lokalitajiet kollha f'Malta u Għawdex. Dan huwa l-uniku mod vijabbli kif pajjiżna jista' jippreżenta b'id b'saħħitha li tiżgura li pajjiżna jospita' dan it-titlu fl-2018 kif ukoll, b'dan il-mod ikollna proġett li jibbenefikaw minnu l-kommunitajiet kollha tagħna.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li jiffirma dan iċ-*Charter*.

**3.26.** Id-D/Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

**4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets***

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru: 2056 sa Nru: 2120 (ara *appendix* Nru: 1) għall-approvazzjoni tal-Kunsill, biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Tressqu wkoll għall-approvazzjoni tal-Kunsill:

| | |
|---|---|
| *Andrew Delia – Surveyor* | *€613.60* |
| *J.&K. Contractors inv. 1145-10* | *€1,833.54* |
| *J.&K. Contractors inv. 1146-10* | *€129.58* |
| *J.&K. Contractors inv. 1147-10* | *€2,083.16* |

| | |
|---|---|
| *J.&K. Contractors inv. 1148-10* | *€640.03* |
| *J.&K. Contractors inv. 1149-10* | *€3,275.88* |
| *J.&K. Contractors inv. 1150-10* | *€4,631.61* |
| *Melita p.l.c. inv.29750419* | *€440.64* |

**4.3.** Tressqet *invoice* Nru: GLC-001/2011 mibgħuta mill-*Accountant*, Antoine Portelli għall-ammont ta' €2,681.25 liema ammont kien 65% mix-xogħol għall-perjodu minn Jannar sa Novembru 2010, li jkopri l-*updating purchase day book* u l-*updating cash book* u dan skont id-diskussjoni u d-deċiżjoni li ttieħdet waqt il-laqgħa tas-7 t'Ottubru 2010.

Iċ-*Chairman* qal, li meta kien kellem lill-*Accountant*, dan ta' l-aħħar kien qallu li kien ser isir l-*inputting* ta' l-*invoices* tax-xahar ta' Diċembru 2010, kif ukoll it-*Trial Balances* u l-*Quarterly Reports*.

Huwa kompla jgħid, li sa fejn kien infurmat l-40% rigward d-differenza pendenti għax-xogħol relatat mas-sena preċedenti u cioe' għall-perjodu April – Diċembru 2009, l-*Accountant* ma kienx ser iressaq talba għall-ħlas tagħhom.

**4.4.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru:2056 sa Nru: 2120, dawk elenkati f'para 4.2. iżda l-ammont tal-*Melita p.l.c.* jitħallas wara li nirċievu l-*itemised bill* u l-ammont ta' €2,681.25 (para 4.3.) ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela

**5. Approvazzjoni tal-Kwotazzjoni ta' Sistema ta' Sigurta' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

**5.1.** Ngħata rendikont tal-kwotazzjonijiet sottomessi li kienu:

| | | |
|---|---|---|
| *i* | *Alberta* | *€2688.04* |
| *ii* | *Mediterranean Protection Solutions* | *€3468.00* |
| *iii* | *Dedicated Micro Malta Ltd* | *€2132.26 option 1* |
| | | *€2361.18 option 2* |
| | *option price 20" monitor* | *€306.80* |
| *iv* | *FSE* | *€2,133.44* |
| *v* | *Integrated Electronics* | *€5596.00* |
| *vi* | *Masco Security* | *€3586.48* |
| *vii* | *I.J. Solutions* | *€4260.33* |

kif ukoll, ried jinħatar il-Kumitat sabiex jevalwa s-sottomissjonijiet u jressaq ir-rakkomandazzjoni għall-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Filwaqt li l-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Anthony Abela kienu ser jkunu parti mill-Kumitat ad hoc, il-P.N. jrid jinnomina r-rappreżentant tiegħu.

## 6. *Update* ta' *Tender GLC001/2010 Resurfacing Works*

**6.1.** Ngħata rendikont tax-xogħlijiet li saru fit-toroq Samuel Taylor Coleridge u Nicola Cottoner, filwaqt li dwar Triq Immakulata Kunċizzjoni, l-Kunsillier Anthony Abela nforma li kien ser jiltaqa' mal-Perit biex jiġi diskuss t-*traffic management.*

## 7. *Update* ta' *Tender GLC002/2010 Mixed Household Waste*

**7.1.** Ngħata rendikont dwar l-appell li kien ġie reġistrat fit-3 ta' Diċembru 2010, minn *Borg Skip Hire* fir-rispett tat-*tender* hawn fuq imsemmija u sakemm ma ttieħidx deċiżjoni dwar l-appell, it-*tender* ma jistax jingħata.

Iċ-*Chairman* qal, li din il-materja xtaq jiddiskuttieha mal-Kunsillier Ian Micallef.

## 8. L-ikla ta' Jum il-Milied għal min hu waħdu

**8.1.** Iċ-*Chairman* ta rendikont ta' l-attivita' hawn fuq sopraċitata li kienet suċċess u ssuġġerixxa li għal sena oħra jiġifieri 25 ta' Diċembru 2011, għandu jkun hemm *budget* biex ikopri l-ispejjeż.

Fir-rispett ta' l-attivita' ta' din is-sena, l-Kunsill approva unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Grech nefqa fil-parametri tal-proċeduri finanzjarji biex jingħata memento lil kull *sponsor* li għen sabiex din l-attivita' setgħet tkun possibbli.

## 9. Affarijiet Oħra

**9.1.** Iċ-*Chairman* ppropona li għandhom jinħatru żewġ Kumitati *ad hoc* sabiex jitħejja t-*tender document* tal-bankini Zona 1 skont kuntratt approvat mill-*U.I.F.* kif ukoll, sabiex jiġu evalwati s-sottomissjonijiet tat-*tender* tal-*Private Public Partnership* u titħejja rakkomandazzjoni, liema rapporti għandhom jitressqu fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Il-Perit tal-Kunsill, għandu jkun preżenti għall-laqgħat ta' dawn il-Kumitati sabiex jagħti l-gwida teknika tiegħu.

**9.2.** Il-Kunsillier Malcolm Camilleri ressaq proposta dwar jekk it-toqob ta' l-antarjori li jintuzaw għad-dawl tal-Milied, jistawx isiru man-naħa tar-residenti.

Il-Kunsill qabel unanimament li din il-proposta tintlaqa'

**9.3.** Il-Kunsillier Anthony Abela għamel referenza għat-talba ta' rikostruzzjoni ta' żewġ *culverts* fi Triq ix-Xatt k/ma' Triq Ponsonby u quddiem 124/125 lid-Dipartiment tal-*Waste Water* u sa dak inhar tal-laqgħa,

l-Kunsill ma kienx għadu rċieva ebda risposta. Għalhekk, il-Kunsill qabel li għandu jagħmel *follow up* dwar din it-talba.

**9.4.** Il-Kunsillier Anthony Abela ta' rendikont tal-ħsarat li saru fi Triq Gżira invista tal-fatt, li l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma għaddiet *cable* mill-*culvert* eżistenti.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li jitħejja rapport tekniku mill-Perit li jgħaddi għall-attenzjoni tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma li tinżamm responsabbli ta' kull ħsarat ikkawżati minħabba din is-sitwazzjoni.

**9.5.** Il-Kunsillier Anthony Abela ppropona li ssir *Traffic Calming Measure* fi Triq Luqa Briffa k/ma' Triq Manoel de Vilhena.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament, li l-Kunsillier Anthony Abela għandu jagħmel *site-inspection* u jirraporta l-Kunsill.

**10. Laqgħa Oħra**

**10.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra l-laqgħa ntemmet fis-7.45 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett B.A. LL.D. | Marion Monaco |
| Sindku | D/Segretarju Eżekuttiv |

# Gżira Local Council

**Ref No: K283/119/10**

**15 December 2010 KLG5/49**

| R/Sheet No: | Description | € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 2056 | Department of Information – Quote GLC 007/2010 Christmas Lights | 9.32 cancelled see R/S 2028 Nov 2010 | |
| 2057 | GO plc inv No: 24591219 tel No: 322157 calls October Rent November 2010 | 51.46 | 6795 |
| 2058 | GO plc inv No: 24590569 tel No: 341616 calls October Rent November 2010 | 22.43 | 6796 |
| 2059 | GO plc inv. No: 24590559 tel Nos: 334254 341034 calls Oct. Rent November 2010 | 84.19 | 6797 |
| 2060 | A.K.L. Laqgħa 20.11.2010 Corinthia Hotel | 250.00 | 6798 |
| 2061 | C3 Aluminium Ltd inv No: 052967 repair of front door of Common parts | 60.00 | 6805 |
| 2062 | Department of Information – Quote GLC 008/2010 Security System | 14.44 | 6860 |
| 2063 | Melita plc Inv No: 29613303 Hello Service 08.11.2010 – 07.12.2010 Usage tel 27013021 | 368.96 | 6825 |
| 2064 | Sandra Galea Inv No: 13 Crafts Lessons for the month of November 2010 | 375.00 | 6856 |
| 2065 | Forestals Ltd Inv No: 045552 Rack for Server | 1,148.44 | 6862 |
| 2066 | Venture Trading Inv No: 015843 – Stationery | 22.42 | 6887 |
| 2067 | Globe Electronics Ltd Inv No: 02399 Repair of hall porter system + lock | 116.11 | 6888 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2068 | UniKing International Inv. No: C2710 Supply & Fix Speed Moderator in Belvedere Steeet | 367.82 | 6891 |
| 2069 | Makaw Ironmongery Inv Nos: 18630/18138/ 17633/17637 R/marking paint + Cement/Ramel | 356.34 | 6886 |
| 2070 | Allwoods & Steel Ltd – Purchase Order 02/10 3 cast iron grids 2ft x 2ft D-400 | 479.34 | 6892 |
| 2071 | Alberta Inv No: 30072731 Service of Fire extinguishers – Office | 11.56 | 6894 |
| 2072 | J.F. Mallia Ltd Inv. No: 478 Maint of bozoz Job Nos: 148/49/50/51/52/53/54/55/56 | 250.60 | 6900 |
| 2073 | J.F. Mallia Ltd Inv No: 479 Maint bozoz Sir Hilderbrand Oakes Street | 22.50 | 6952 |
| 2074 | G4S Security Services (Malta) Ltd Inv No: GS001212 Cash in Transit October 2010 | 38.05 | 6895 |
| 2075 | ARMS Ltd – Inv No: 12925959 Activities Centre 17 Aug 2010 – 15 October 2010 | 122.28 | 6896 |
| 2076 | Squire Bookshop Inv No: 08616 N/papers for the month of November 2010 | 41.70 | 6897 |
| 2077 | E.L.C. Ltd Inv No: 006716 Maint of Soft Areas for the month of November 2010 | 2,212.92 | 6898 |
| 2078 | Emm Mifsud Inv No: 54 Door to Door Collection – November 2010 | 5,590.50 | 6870 |
| 2079 | Emm. Mifsud Inv. No: 55 Skip Hire November 2010 | 432.87 | 6872 |
| 2080 | Emm. Mifsud Inv No: 56 Service of Public Convenience November 2010 | 836.06 | 6873 |
| 2081 | Emm. Mifsud Inv No: 57 Service of Bulky Refuse – 180 Calls for Oct. 2010 | 985.32 | 6874 |
| 2082 | Joe Borg Inv No: 19 Duck Food for the November 2010 | 46.59 | 6899 |
| 2083 | Mr. Alfred Portelli – Contract Manager fee October – November – December 2010 | 745.42 | 6875 |
| 2084 | Dr. Edward Woods Legal Advisor fee October – November – December 2010 | 494.76 | 6876 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2085 | Alfa Co. Ltd Inv Nos: 66640 – 13.09.10 – 12.10.10 66641 01.10.10 – 31.10.10 Rentals of p/copiers & copies | 174.47 | 6953 |
| 2086 | The Toolbox Inv Nos: 9696 & 9768 & 9818 | 129.98 | 6954 |
| 2087 | Joe Bonnici & Sons Inv No: 5281 Hire of Mobile Toilets for September 2010 | 318.60 | 6955 |
| 2088 | G4S Security Services (Malta) Ltd Inv No: GS001415 Cash In Transit November 2010 | 30.44 | 6956 |
| 2089 | S.Rausi Trading Inv Nos: 21076873/21077761 Drinking Water office | 35.96 | 6957 |
| 2090 | ITS LTD Inv No: SIN101296 Annual telephone support + e-mail support 01.01.2011 – 31.12.2011 | 177.00 | 6958 |
| 2091 | C.S.D. Office Trade Inv No: 32603 stationery | 35.16 | 6959 |
| 2092 | J. Bugeja & Associates R.F.P. 515 Architec. services for the month of April 2010 | 357.43 | 6960 |
| 2093 | J. Bugeja & Associates R.F.P. 616 C/M fee J&K. – various works | 196.22 | 6961 |
| 2094 | J. Bugeja & Associates R.F.P. 618 C/M fee J&K paving G/Tua & St Georges | 21.23 | 6962 |
| 2095 | J. Bugeja & Associates R.F.P. 617 C/M fee J&K pavements Belvedere Street | 18.18 | 6963 |
| 2096 | J. Bugeja & Associates R.F.P. 557 C/M fee V. Farrugia E. Giordano-C/Manche-Belvedere Pavements | 37.38 | 6964 |
| 2097 | J. Bugeja & Associates R.F.P. 526 C/M fee J&K Rue D'Argens ` | 707.71 | 6965 |
| 2098 | J&K Contractors Ltd Works in Luqa Briffa Street Inv. No: 1133-10 | 952.66 | 6966 |
| 2099 | J. Bugeja & Associates R.F.P. 580 Architec. services for the month of May 2010 | 336.81 | 6967 |
| 2100 | J. Bugeja & Associates R.F.P. 655 Architec. services for the month of September 2010 | 41.24 | 6968 |
| 2101 | J. Bugeja & Associates R.F.P. 638 Architec services for the month of August 2010 | 405.54 | 6969 |
| 2102 | J. Bugeja & Associates R.F.P. 525 C/M fee J&K Contractors Ltd re inv: 1122-10 | 358.99 | 6970 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2103 | GO plc Inv. No: 24824878 tel No: 322157 calls Nov Rent December 2010 | 69.90 | 6865 |
| 2104 | GO plc Inv: No: 24824228 tel No: 341616 calls Nov Rent December 2010 | 19.13 | 6866 |
| 2105 | GO plc Inv No: 24824218 tel Nos: 341034 334254 Calls Nov Rent December 2010 | 104.90 | 6867 |
| 2106 | Dept for Local Gov. Advert Malta Indep. Quote GLC007/2010 Christmas Lights | 66.75 | 6971 |
| 2107 | Dept for Local Gov. Advert Malta Indep Quote GLC008/2010 Security System | 93.25 | 6972 |
| 2108 | Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – fee for Performance Rights Society 2009 & 2010 | 36.00 | 6868 |
| 2109 | Emm. Mifsud Inv. No: 58 Door to Door Collection December 2010 | 5,590.50 | 6877 |
| 2110 | Emm. Mifsud Inv. No: 59 Skip Hire for the month of December 2010 | 432.87 | 6878 |
| 2111 | Emm. Mifsud Inv. No: 60 Service of Public Convenience December 2010 | 836.06 | 6879 |
| 2112 | Emm. Mifsud Inv. No: 61 Service of Bulky996.27 6880 Refuse – November 2010 – 182 Calls | | |
| 2113 | Ms Alexandra Galea Inv. No: 14 Crafts Lessons for the month of December 2010 | 375.00 | 6869 |
| 2114 | SRF Cleaning Services Inv. No: 10/1656 Street Sweeping/G/Cutting/M/Sweeeper for the month of October 2010 | 4,665.72 | 6881 |
| 2115 | SRF Cleaning Services Inv. No: 10/1657 Street Sweeping on Sundays – October 2010 | 378.52 | 6882 |
| 2116 | SRF Cleaning Services Inv. No: 10/1704 Street Sweeping/G/Cutting/M/Sweeper for Month of November 2010 | 4,627.29 | 6883 |
| 2117 | SRF Cleaning Services Inv. No: 10/1705 Street Sweeping on Sundays for the month of November 2010 | 378.52 | 6884 |
| 2118 | Best Wishes Inv. No: 2397730 Stationery | 87.76 | 6885 |
| 2119 | J.F. Mallia Ltd Inv No: 494 Job Nos: 157/160 Maint bozoz t001 & W030 | 43.35 | 6973 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **2120** | **Alfa Co. Ltd. Inv. No: 67624 & 67625 Rentals 01.11.10 – 30.11.10 & 13.10.10 – 12.11.10** | **179.10** | **6974** |